**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 1084/2019 AF**

**L-Onorevoli Edwin Vassallo**

**vs**

**Kummissjoni Elettorali**

**u**

**l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur l-Onorevoli Edwin Vassallo, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Edwin Vassallo, ta' 57, Constitution Street, Mosta, bil-karta tal-identità numru 450761(M) kien kandidat mal-Partit Nazzjonalista fuq il-Ħdax-il Distrett għall-Elezzjoni Ġenerali li seħħet fid-9 ta' Marzu 2013.

Fl-istess elezzjoni seħħew mankanzi waqt l-għadd tal-voti fl-Elezzjoni Ġenerali li b'konsegwenza ta' dawn ġew leżi d-drittijiet fondamentali tal-Partit Nazzjonalista bil-konsegwenza ukoll illi Edwin Vassallo, bħala kandidat għall-istess partit ġie imċaħħad mis-siġġu parlamentari tiegħu skond il-formula stabbilita fil-Kap. 354 tal-Liġijiet ta' Malta li għandha bħala għan li tiggarantixxi ir-rappreżentanza stretta proporzjonali fil-Parlament skond Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Edwin Vassallo kien kandidat li "*imdendel*" u "*next in line*" bl-aktar numri ta' voti li jiġi hekk elett bil-mekkaniżmu korrettorju li tipprovdi il-Kostituzzjoni, iżda li ġie hekk imċaħħad minħabba l-istess mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali.

Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2015, il-Qorti Ċivili, Prim Awla (Sede Kostituzzjoniali), flismijiet *Partit Nazzjkonalista et vs Kummissjoni Elettorali et (26/2013 LSO)* ikkunsidrat li "***wara li inħadmet il-formula, Edwin Vassallo ġie eskluż mill-Parlament inġustament***."

Oltre dan il-Qorti kompliet tgħid illi; "***ma kienx hemm supervizjoni xierqa u responsabbli mill-Kummissjoni Elettorali kif iridu l-Kostituzzjoni, Ligi Elettorali u l-Konvenzjoni****. Sussegwentement kien b'decizjoni tal-istess Kummissjoni li dawn il-voti 'intremew' billi tpoggew fil-limbu tal-voti mhux trasferibbli. Dan l-agir imur kontra l-ispirtu stess tal-Kostituzzjoni, tal-ligi elettorali taghna, u tal-Konvenzjoni, u baqa' ma giex rettifikat*."

Il-Qorti qalet ukoll "***li r-responsabbilità ahharija taqa' fuq spallejn il-Kummissjoni Elettorali, u fuq l-Istat, biex jigi zgurat rizultat li jirrispekkja r-rieda tal-poplu fil-limiti tal-Konvenzjoni. Ir-responsabbilità fl-ahhar mill-ahhar hija tal-Istat tramite l-Kummissjoni u d-decizjoni ahharija hi tal-Kummissjoni Elettorali.***"

Dan kollu ġie konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2016, fejn ikkonfermat l-ewwel, r-raba' u l-ħames talba tal-kawza, u li b'konsegwenza tal-istess mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali u tal-iStat ir-rikorrent Edwin Vassallo sofra preġudizzju serju ta' rappreżentanza parlamenatri.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fid-deċiżjoni tagħha qalet (para. 65/66);

> ***"Fil-kaz tal-ħamsin (50) vot ta' Claudette Buttigieg, iżda, ma sar ebda tqassim ta' voti minn tagħha għax ma qabżitx il-kwota u, meta nstab l-iżball, ma kinitx għadha ġiet eliminata u ebda vot tagħha ma kien intiret. Għalhekk ma kien jibdel xejn mir-riżultat ta' kull għadd preċedenti li kieku dawk il-ħamsin (50) vot, flok tqiesu mhux trasferibbli, ingħataw lura lilha; kien jinbidel biss ir-riżultat tal-ħmistax-il għadd – li sa dak il-waqt kien għadu ma ngħalaqx – billi tiġi eletta hi flok il-kandidat li ġie elett minn dak id-distrett.***
>
> ***Għalhekk ma kien hemm ebda raġuni loġikament valida għala l-iżball ma ssewwiex meta nstab.***"

B'konsegwenza ta' dawn il-mankanzi li dwarhom huma responsabbli unikament il-Kummissjoni Elettorali f'isem l-iSata, Edwin Vassallo ġie mċaħħad mill-ħatra tiegħu parlamentari għal iktar minn tlett snin, u ċioè mis-6 ta' April 2013 sal-25 ta' Novembru 2016.

B’konsegwenza ta’ dawn il-mankanzi, ir-rikorrent sofra ukoll preġudizzju serju u danni billi ġie imcaħħad inġustament milli jipparteċipa bħala deputat elett kif ukoll ġie mċaħħad minn dik l-onorarja stabbilita għal membri parlamentari dovuta lilu u dan għal perjodu mis-6 ta’ April 2013 sal-25 ta’ Novembru 2016.

Għalhekk, dawn il-mankanzi kif konfermati mill-Qorti Kostituzzjoniali fil-kawża *Partit Nazzjkonalista et vs Kummissjoni Elettorali et (26/2013)* deċiża fil-25 ta’ Novembru 2016 ħolqu danni fil-kontront tar-rikorrent Edwin Vassallo, rappreżentanti onorarja mhux imħallsa lilu, liema mankanzi eskludew inġustament lilu mill-Parlament għal tlett snin u seba’ xhur, oltra danni oħra li sofra l-istess bin-nuqqasijiet tal-istess intimati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li Edwin Vassallo sofra danni minħabba l-istess mankanzi tal-Kummissjoni Elettortali li r-responsabbilità aħħarija taqa' fuq spallejha kif dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali.

2. Tillikwida id-danni hekk subiti mill-istess attur minħabba il-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali.

3. Tordna lill-Kumissjoni Elettorali tħallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes kollha u b’imgħaxijiet kontra l-intimati li minn issa huma inġuni in subizzjoni.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, l-funzjoni relattiva ghall-ghadd tal-voti f’elezzjoni generali ma taqax fil-mansjoni tal-esponenti u lanqas ma hemm ness kawzali bejn il-mankanzi li ghalihom jirreferi r-rikorrenti u l-esponenti u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi

dikjarat bhala li mhux il-legittimu kontradittur f'dina l-kawza u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u mit-talbiet.

In linea preliminari wkoll, in kwantu l-azzjoni attrici hija azzjoni ta' rizarciment ta' danni l-azzjoni in konfront tal-esponent hija preskritta bit-trapass ta' sentejn fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda responsabbilità ma hi imputabbli fil-konfront tal-esponent ghall-mankanzi allegati mertu ta' dina l-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici huma bla bazi guridika u fattwali.

Rigward l-allegazzjoni li r-rikorrenti gie mcahhas milli jigi elett minhabba mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali, li huwa ma jirrispondix ghal din l-allegazzjoni.

Rigward l-allegazzjoni li bhala konsegwenza ghal tali allegati mankanzi r-rikorrenti sofra danni fil-forma ta' onorarja tal-membri parlamentari ghall-perjodu 6 ta' April 2013 sal-25 ta' Novembru 2016, l-esponenti jissottometti li gialadarba l-esponenti ma kien responsabbli ghall-ebda mankanza allegata, l-esponenti ma jirrispondi ghall-ebda allegati danni sofferti. Illi in oltre, fis-sentenza taghha fl-ismijiet Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et (rikors kostituzzjonali numru 26/2013) deciza fil-25 ta' Novembru 2016, il-Qorti Kostituzzjonali digà tat ir-rimedju taghha sabiex tigi rimedjata l-vjolazzjoni ravvizata minnha fl-ghadd tal-voti tal-elezzjoni generali li saret fis-sena 2013.

Fi kwalunkwe kaz, huwa manifest illi kull allegat danni sofferti mir-rikorrenti certament ma kienux il-konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tal-esponenti u b'konsegwenza l-esponenti ma jistax jigi misjub responsabbli ghall-hlas ta' danni naxxenti minn allegati mankanzi fl-ghadd tal-voti fl-elezzjoni generali tal-2013 li allegatament soffra r-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Kummissjoni Elettorali li permezz tagħha eċċepiet illi:

Il-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu attrici ma humiex kontestati.

Fir-rigward tal-paragrafi l-ohra l-kontenut s-sentenzi tal-Qrati taghna ma huwiex kontestat izda huwa kontesta l-inferenzi u supposizzjonijiet li qed isiru da parti tal-atturi huma kontestati u ghandhom jigu ppruvati skond il-ligi.

L-esponenti tirrileva li l-process elettorali gie mmexxi mill-Kummissjoni Elettorali korrettement u onestament u jekk saru xi zbalji f'dan il-process il-kandidat kellu ghad-disposizzjoni tieghu l-mekkanismi necessarji biex jiehu sodisfazzjon fil-hin approprjat.

In-nuqqas ta' elezzjoni ta' kandidat ma ggib maghha l-ebda responsabbilità ghad-danni fil-kummissjoni elettorali.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fit-tieni lok in kwantu l-pretenzjoni hija ghal hlas ta' danni, il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16.

Fit-tielet lok in-nuqqas ta' interess guridiku billi permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016 citata minnu stess gie dikjarat u konfermat li kien biss il-Partit Nazzjonalista li kellha interess guridiku li tressaq dik il-kawza u mhux ukoll id-Deputati Individwali (ara para 1215.i tal-istess sentenza).

Fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal premess jirrizulta li l-Kummissjoni Elettorali agixxiet strettament skond il-ligijiet applikabbli.

Fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premess in-nuqqas ta' elezzjoni ta' kandidat ma ggibx maghha l-ebda responsabbilità ghad-danni fil-kummissjoni elettorali.

Fis-sitt lok u bla pregudizzju ghal premess ir-rikorrenti ma soffra l-ebda dannu kif minnhu pretiz u ghandu jgib prova tal-istess.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u t-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u t-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni. Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi huwa sofra danni minħabba l-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali u għaldaqstant, tillikwida dawn id-danni u tordna lill-Kummissjoni intimata tħallsu dawn id-danni hekk likwidati.

Is-sentenza tal-lum hija limita ghall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati u ċioè (i) li l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni u (ii) li l-azzjoni attriċi hija preskritta bit-trepass ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet sollevata miż-żewġ intimati.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien kandidat mal-Partit Nazzjonalista fuq il-ħdax-il distrett għall-elezzjoni ġenerali li seħħet fid-9 ta' Marzu 2013. Mhux kontestat illi waqt il-proċess tal-għadd tal-voti saru xi żbalji bil-konsegwenza li ġew eletti f'isem dak il-partit żewġ kandidati inqas milli kellhom jiġu eletti kieku ma seħħewx dawk l-iżbalji.

Il-Partit Nazzjonalista flimkien mal-kandidati Onor. Claudette Buttigieg u Onor. Frederick Azzopardi ipproċedew kontra l-Kummissjoni Elettorali permezz ta' rikors kostituzzjonali fejn talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha sabiex:

i. Issib ksur tad-drittijiet tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii. Issib illi dawn il-mankanzi fil-proċess elettorali wasslu sabiex taw riżultat skorrett fuq ir-rappreżentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettorat peress illi d-distakk bejn in-numru ta' deputati mill-partit fil-Gvern u l-partit fl-Opposizzjoni huwa żbaljat;

iii. Tordna sabiex jiġu indirizzati dawn l-iżbalji u dan billi fost rimedji oħra tordna li d-distakk ta' siġġijiet bejn il-Gvern u l-Opposizzjoni fil-Parlament jinżel minn disa' għal seba';

iv. Tagħti dawk ir-rimedji ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

F'dawk il-proċeduri kienu ssejħu fil-kawża għad ta' persuni oħra inkluż l-Avukat tal-Istat u l-attur f'dawn il-proċeduri.

Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2016, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha:

i. Iddikjarat li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tmien distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Iddikjarat fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista biss li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta Malta;

iii. Iddikjarat li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu lil Claudette Buttigieg bħala kandidata eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. Iddikjarat li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex taw riżultat skorrett fuq ir-rappreżentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-partit fil-Gvern

u dawk mal-partit fl-Opposizzjoni huwa żbaljat, u kellu jkun ta' 38 deputat għall-Partit Laburista u 31 deputat għall-Partit Nazzjonalista u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

v. Tat rimedju għal dak il-ksur konsistenti fl-ordni diretta lejn il-Kummissjoni intimata sabiex tiddikjara bħala eletti biex jimlew żewġ postijiet addizzjonali żewġ kandidati tal-Partit Nazzjonalista li ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-ogħla, jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-ogħla numru ta' voti jew ta' voti li jmiss l-aktar għoli, a tenur tal-artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fi żmien xahar minn dakinhar tas-sentenza;

vi. Fir-rigward tal-Onor. Claudette Buttigieg, il-Qorti ddikjarat li l-mankanzi surriferiti fit-tmien distrett wasslu sabiex ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti. Ordnat ukoll lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tagħmel dawk ir-regolamenti meħtieġa li eċċezzjonalment jipprevedu li jerġgħu jinfetħu l-għadd ta' voti li ġà ngħalqu.

Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2016, il-Qorti Kostituzzjonali:

i. Iddikjarat li l-atturi deputati Nazzjonalisti m'għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni;

ii. Ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn laqgħet it-tieni talba u iddikjarat illi '*l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea*' u ddikjarat, minflok, li l-proċess elettorali fit-tlettax-il distrett ma wassalx għal ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll;

iii. Ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn laqgħet is-sitt talba billi iddikjarat '*fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg … li l-mankanzi … fit-tmien distrett wasslu sabiex*

*ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti'* u billi ordnat *'lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tagħmel dawk ir-regolamenti meħtieġa li eċċezzjonalment jipprevedu li jerġgħu jinfetħu l-għadd ta' voti li ġà ngħalqu'*;

iv. Ikkonfermatha fil-bqija b'dan iżda illi ordnat li ż-żmien mogħti mill-ewwel Qorti meta laqgħet il-ħames talba jibda għaddej minn dakinhar tas-sentenza u b'dan ukoll illi ż-żjieda ta' żewġ siġġijiet fil-Parlament tkun bla ħsara għall-validità ta' dak kollu li sar mill-Parlament sa dakinhar tas-sentenza.

Mhux kontestat illi li kieku l-Onor. Claudette Buttigieg ġiet eletta fuq it-tmien distrett minflok ġiet eliminata minħabba żball fl-għadd tal-voti, kien jibbenifika l-attur mir-raba' siġġu miżjud bit-tħaddim tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Minflok, l-attur ġie elett fil-Parlament wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Novembru 2016.

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi in kwantu li l-għadd tal-voti f'elezzjoni ġenerali ma taqax fil-mansjonijiet tiegħu u lanqas ma hemm ness kawżali bejn il-mankanzi li għalihom qed jirreferi l-attur u l-eċċepjent.

A tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12:

> *"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *....*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Il-Qorti tqis illi l-Avukat tal-Istat għandu raġun f'din l-eċċezzjoni. L-artikolu 181B jagħmilha ċara li l-Gvern għandu jkun

rappreżentat mill-kap tad-dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.  F'dan il-każ żgur li mhuwiex l-Avukat tal-Istat.  Lanqas ma jirriżulta li minħabba n-natura tagħha, xi talba minnhom ma tistax tiġi diretta lejn il-Kummissjoni intimata. Fil-fatt, it-talbiet kollha huma diretti lejn il-Kummissjoni intimata u l-ebda waħda minnhom ma hi diretta lejn l-Avukat tal-Istat.

Ladarba l-Gvern huwa biżżejjed rappreżentat mill-Kummissjoni intimata, ma kienx hemm ħtieġa li jiġi mħarrek ukoll l-Avukat tal-Istat f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant, għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-intimati jeċċepixxu wkoll il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

L-attur ma jikkontestax illi din hija fil-fatt il-preskrizzjoni applikabbli.  Ma jirriżultax li kien hemm xi rapport kuntrattwali bejn l-attur u l-intimati u mill-mod kif inhi mfassla l-azzjoni, fejn qed tintalab il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali, huwa ċar illi japplika l-artikolu 2153.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Ottubru 2003, fil-kawża Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr Maria Deguara noe, kien ritenut illi:

> *"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq."*

Il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk, jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa

l-preskrizzjoni (Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2004, fost oħrajn).

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tiegħu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika għalih il-liġi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jġibx fix-xejn l-għan li għandu jsir ħaqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Huwa prinċipju tad-dritt ukoll illi d-data li tagħti bidu għall-preskrizzjoni hi determinabbli oġġettivament.

Jirriżulta li fit-22 ta' Novembru 2018, l-attur ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-intimati f'din il-kawża li permezz tagħha żammhom responsabbli għad-danni sofferti minnu minħabba l-mankanzi tal-Kummissjoni Elettorali kif stabbiliet il-Qorti Kostituzzjonali. Mhux kontestat illi ma kien hemm l-ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni minn dakinhar tal-għadd tal-voti wara elezzjoni ġenerali li seħħet fid-9 ta' Marzu 2013 sakemm saret ittra uffiċjali interpellatorja tat-22 ta' Novembru 2018.

L-intimati jargumentaw li l-azzjoni attriċi hija preskritta in kwantu li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata minn dakinhar illi l-attur ma ħax postu fil-Kamra tad-Deputati fis-6 ta' April 2013 filwaqt li l-attur jinsisti li d-dritt ta' din l-azzjoni inħoloq bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Novembru 2016.

A tenur tal-artikolu 2137 tal-Kap. 16:

> *"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Dwar meta sentenza tal-Qrati toħloq dritt ta' azzjoni, fil-każ ta' Xuereb vs Zammit, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-9 ta' Marzu 1994, ingħad li:

> *"...meta tkun sentenza tal-Qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliċiment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta qabel*

*beda l-proċediment, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m'għandha l-ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."*

Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ċertament illi taqa' fit-tieni kategorija. Il-Qorti tinnota wkoll li fil-kawża kostituzzjonali ma kienx kontestat mill-intimati li kienu seħħew żbalji fl-għadd tal-voti.

Madanakollu, fil-każ tal-lum, il-ħsara li dwarha qed jilmenta l-attur baqgħet tissusisti sakemm, wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Kummissjoni intimata kkoreġiet l-iżball fir-riżultat elettorali u ddikjarat lill-attur bħala elett. Kien allura minn dakinhar illi d-danni setgħu jiġu kwantifikati.

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Debono Developments Ltd vs Aldo Theuma et, tal-25 ta' Mejju 2005, irriteniet:

*"Illi ġie stabilit li l-preskrizzjoni maħsuba taħt l-artikolu 2153 tibda tgħaddi minn meta sseħħ il-ħsara bl-għamil kolpuż u mhux minn meta l-parti li ġarrbet il-ħsara tkun intebhet biha, u dan għaliex huwa minn dak inhar li tkun seħħet il-ħsara li l-azzjoni setgħet u messha tinbeda. Min naħa l-oħra, billi ma tistax tinbeda kawża biex fiha jintalab kumpens għal ħsarat li għadhom ma sarux, l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm, fil-fatt, il-ħsara tibqa' ma tiġrix."*

Kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell fil-kawża Bajja Limited vs Inna Korelova noe, tat-28 ta' Marzu 2014:

*"Huwa minnu kif targumenta s-socjetà appellanti, li meta n-natura tal-hsarat tkun li l-istess hsarat ikunu kontinwi, it-terminu relattiv ghal bidu tal-perjodu preskrittiv "ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli issir" (Portelli v. Attard – 20 ta' Marzu 1997)."*

Finalment, issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri, tas-26 ta' Ġunju 2009, fejn intqal hekk:

> *"Kif qalet ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Portelli v. Attard deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jigux determinati f'mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li l-hsara qieghda kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni ikun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir."*

B'applikazzjoni tal-premess, il-Qorti tqis illi din l-azzjoni ma setgħetx tiġi eżerċitata ħlief minn dakinhar illi l-attur ħa postu fil-Kamra tad-Deputati wara li fuq ordni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Kummissjoni intimata kkoreġiet ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali, in kwantu li sa dakinhar, id-danni kienu għadhom qed isiru.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati u għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali b'dan illi l-attur għandu jħallas l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat.

IMHALLEF

DEP/REG